MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 214/2015

**A.A.S.K. Enterprises Limited**

**vs**

**Cassar & Schembri (Marketing) Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tas-6 ta’ Marzu 2015 li jghid hekk:

Illi l-kumpannija attrici ghamlet u ezegwiet diversi mechanical and engineering works fuq ordni u ghal beneficcju tal-kumpannija intimata gewwa l-fondi More Supermarket Zebbug, More Supermarket Qormi, More Supermarket Hamrun u More Supermarket Paceville;

Illi ukoll l-kumpannija attrici issuplixxiet u installat, fuq ordni u ghal beneficcju tal-kumpannija intimata, ammont konsiderevoli ta' materjal u equipment;

Illi l-bilanc tal-prezz dovut lill-kumpannija attrici mill-kumpannija intimata ghax-xoghol ezegwit u l-materjal u equipment fornit jammonta ghal €15,756.66 (hmistax-il elf seba' mija u sitta u hamsin euro u sitta u sittin centezmu);

Illi l-kumpannija intimata inghatat diversi opportunitajiet sabiex tissalda dana d-debitu izda baqghet inadempjenti;

Illi l-kumpannija intimata nonstante li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas dan id-debitu ukoll baqghet inadempjenti;

Illi dana d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-kumpannija attrici l-kumpannija intimata ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq ghall-hlas ta' dan id-debitu;

Ghaldaqstant tghid il-kumpannija intimata ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandiex:

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispenza tas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tikkundanna lill-kumpannija intimata thallas lill-kumpannija attrici s-somma ta' €15,756.66 (hmistax-il elf seba' mija u sitta u hamsin euro u sitta u sittin centezmu) dovuti ghar-ragunijiet fuq esposti, bl-imghaxijiet ulterjuri skond l-ghola rata permessibbli mill-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez, inkluzi tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju prezentat kontestwalment, kontra l-kumpannija intimata li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti;

Rat li s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata pero ma deher hadd ghall-istess socjeta fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2015;

Semghet lil Lorraine Scerri, direttrici tas-socjeta attrici fejn ikkonfermat bil-gurament taghha li l-kreditu ghadu kollu dovut kif mitlub;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talbiet attrici jidhru gustifikati u ma saret ebda oppozizzjoni, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' €15,756.66 (hmistax-il elf seba' mija u sitta u hamsin euro u sitta u sittin centezmu), rapprezentanti bilanc tal-prezz ghal xoghol ezegwit u materjal u equipment fornit mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta, bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali sad-data tal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------